**_Ruling_ mogħti mill-Ispeaker Anġlu Farrugia fis-Seduta 456 tal-4 ta' Mejju 2021 dwar tweġibiet għal mistoqsijiet parlamentari**

Is-Sedja tagħmel referenza għal żewġ talbiet li saru lis-Sedja kif ġej:

- mill-Onor. Edwin Vassallo fis-Seduta 453 tas-27 ta' April 2021 fejn ġibed l-attenzjoni tas-Sedja għar-risposta li huwa ngħata għall-Mistoqsija Parlamentari 20639 mill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd, l-Ikel u d-Drittijiet tal-Annimali fl-istess seduta; u

- mill-Onor. Robert Cutajar fis-Seduta tal-bieraħ, 3 ta' Mejju 2021, fejn huwa ġibed l-attenzjoni tas-Sedja għar-risposta li huwa ngħata mill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u Proġetti Kapitali għall-Mistoqsija Parlamentari 20776.

Is-Sedja tinnota illi tat diversi *rulings* fuq il-punti li tqajmu mill-Onor. Edwin Vassallo u l-Onor. Robert Cutajar. Fir-*ruling* mogħti fis-Seduta 325 tas-16 ta' Novembru 2015, is-Sedja kienet qalet illi l-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra, li jirregolaw b'ċertu dettall l-għemil tal-interpellanzi, huma għal kollox siekta dwar it-tweġibiet li jingħataw. Dan wassal lis-Sedja biex f'diversi deċiżjonijiet issostni li hi m'għandha l-ebda mansjoni fuq it-tweġibiet li jagħtu l-Ministri għall-mistoqsijiet parlamentari. Fir-*ruling* tas-16 ta' Novembru 2015 is-Sedja kienet qalet ukoll li din is-sitwazzjoni tibqa' tissustixxi sakemm l-Ordnijiet Permanenti ma jiġux emendati b'tali mod li jkun hemm regoli wkoll dwar il-kontenut tar-risposti għall-mistoqsijiet parlamentari, u li għahekk is-Sedja ftit li xejn tista' tintervjeni dwar kif Ministri jwieġbu mistoqsijiet parlamentari magħmula lilhom.

Is-Sedja ħadet nota wkoll tar-*ruling* mogħti minnha fis-Seduta 326 tas-17 ta' Novembru 2015 fejn għamlet referenza għal dak li ddeċieda l-Ispeaker tal-House of Commons John Bercow fis-seduta parlamentari tat-28 ta' Novembru 2001 (*House of Commons Debates Vol. 375, C971)* meta nqalgħet il-kwestjoni dwar risposti parlamentari għal domandi li jistgħu jinħassu li mhumiex preċiżi, jew li jistgħu jagħtu suspett li l-fatti mhumiex daqshekk ċari, jew addirittura ma jkunux veritieri. Dakinhar l-Ispeaker Bercow qal hekk:

> "*It would be unwise for me to express a view on the adequacy of a particular Ministerial answer. There are bound to be two views on that, and neither is a matter for me.*"

Din il-pożizzjoni s-Sedja għamlitha f'diversi *rulings* li tat, anke reċentement, bħal pereżempju fis-Seduta 94 tal-14 ta' Marzu 2018 fejn anke kkwotat minn paġna 356 tal-*Erskine May, Parliamentary Practice (24 Edition)* taħt it-titolu "*Speaker's control of questions*":

> "*The Speaker's responsibility in regard to questions is limited to their compliance with the rules of the House. Responsibility in other respects rests with the Member who proposes to ask the question and responsibility for answers rests with Ministers*

Għaldaqstant, bi tweġiba għaż-żewġ talbiet – ċjoè dik tal-Onor. Vassallo u dik tal-Onor. Cutajar – is-Sedja ttenni li kif ġie deċiż f'diversi *rulings* preċedenti u skont l-istess Ordnijiet Permanenti tal-Kamra, filwaqt li tissoleċita lill-Ministri li jwieġbu mistoqsijiet li jkunu sarulhom b'mod komprensiv u mingħajr dewmien eċċessiv, hija ma tistax tippronunċja ruħha fuq il-mertu tat-tweġiba għaliex m'għandha l-ebda mansjoni li tirregola jew tintervjeni fil-kontenut tat-tweġibiet li jingħataw għall-interpellanzi parlamentari.

Is-Sedja tagħmel referenza għall-mistoqsija parlamentari tal-Onor Robert Cutajar fuq indikata u t-tweġiba li ngħata għaliha mill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali u nikkwota:

> **"ONOR. ROBERT CUTAJAR:** Jista' l-Ministru jgħid kemm swew ix-xogħlijiet fl-għoti tal-wiċċ tat-triq bil-konkos li sar b'mod illegali fil-Victoria Lines minn Infrastruttura Malta.
>
> **ONOR. IAN BORG:** Infrastructure Mala m'għamlet l-ebda xogħol illegali fis-sit indikat."

kif ukoll għar-rimarka li għamel l-Onor Cutajar waqt it-talba tiegħu għal ruling dwar din il-mistoqsija u nikkwota:

> "**ONOR. ROBERT CUTAJAR:** Hawnhekk qed jikkonferma li l-Ministru pprova jiżvija l-Kamra għaliex meta x-xogħol qed jinqala' biex jerġa' isir, allura x-xogħol ma sarx kif kellu jsir.".

Hawnhekk is-Sedja tagħmel referenza għad-deċiżjoni li kienet tat fis-Seduta 192 tat-28 ta' Ottubru 2014, fuq ilment imressaq mill-Onor. Jason Azzopardi fil-konfront tal-Ministru Emmanuel Mallia dwar tweġibiet għal żewġ mistoqsijiet parlamentari. Hemmhekk is-Sedja għamlitha ċara illi:

> "Żgur ma toħroġx li kien hemm *intention to mislead or to deceive*. Dak li jgħid l-istess House of Commons, li wieħed mill-elementi huwa li:
>
> > "*The element of deliberateness is an essential ingredient implicit in the alleged offence of deliberately misleading the House*.""

Din il-pożizzjoni hija ċitata f'*Chapter 8 – Parliamentary Privileges* ta' pubblikazzjoni li jimxi fuqha l-Parlament Indjan magħrufa bħala *Rajya Sabha At Work*, fejn f'paġna 234 jingħad illi:

> "*If any statement is made on the floor of the House by a member or Minister which another member believes to be untrue, incomplete or incorrect, it does not constitute a breach of privilege. If an incorrect statement is made, there are other remedies by which the issue can be decided.*"

Għaldaqstant dwar il-punt imqajjem mill-Onor Cutajar biex is-Sedja tiddeċiedi dwar jekk il-Ministru kienx qed jiżvija lill-Kamra, qed jiġi deċiż li kif ġie espress f'diversi rulings preċedenti, f'kull każ is-Sedja m'għandha l-ebda mansjoni li tidħol fil-mertu tat-tweġibiet.

Madankollu l-Membru dejjem jista', anzi huwa mħeġġeġ li juża r-rimedji kollha li tagħtih l-istess Kamra sabiex jinsisti għall-informazzjoni li qed jitlob.